## Qorti Civili
## (Sezzjoni tal-Familja)

### Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

### Illum 4 ta' Lulju 2017

Rikors Guramentat Nru.  106 / 16RGM

Kawza fil-lista:  12

**X F**
**vs**
**T C; u**
**Direttur Registru Pubbliku u permezz tad-digriet datat 9 ta' Marzu 2017 il-minuri P C gie kjamat fil-kawza u permezz tal-istess digriet T C giet nominata bhala kuratrici *ad litem* ghall-istess minuri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti kellu relazPi extra-maritali ma' T C, li minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri P C;

2. Illi l-esponenti jrid ikun cert li P C huwa l-wild bijologiku tieghu u ghal dan il-ghan saru diversi tentattivi sabiex issir it-test tad-DNA sabiex  jitnehhew l-incertezzi;  Ir-relazzjoni tal-attur mal-konvenuta illum thassret.

3. Illi l-minuri twieled fil-5 ta' Novembru 2010 u hu rregistrat bhala 'unknown father' iben T C.

4. Illi l-esponenti jrid li jsir test tad-DNA sabiex jigi assigurat li l-minuri P C huwa l-iben bijologiku tieghu;

5. Illi la darba jkun fic-cert li X F huwa l-missier bijologiku ghandu jkun registrat fid-dokumenti tar-Registru Pubbliku sabiex il-minuri P C jigi rregistrat P F, b'dan li ma jibqax registrat bhala 'unknown father'.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghala dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taqta, tiddeciedi u tordna billi:

1. Tordna li X F, T C u l-minuri P C jersqu ghat-test tad-DNA;

2. Tiddikjara illi ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi illi P C huwa l-wild naturali ta' X F u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti medici sabiex jikkonfermaw it-test tad-DNA;

3. Tiddikjara illi l-missier naturali huwa X F li ghandu l-karta ta' l-identita' 235782(M);

4. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri P C billi jigi imnizzel isem il-missier bhala X F.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti taqbel li kellha relazzjoni extra-maritali ma' X F, li minn din ir-relazPi twieled il-minuri P C.

2. Illi l-esponenti certa li P C huwa l-wild bijologiku ta' X F u ghalhekk ma ghanda l-ebda diffikulta' sabiex isir test tad-DNA.

3. Illi l-esponenti taqbel li l-minuri twieled fil-hamsa ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (05.11.2010) u hu rregistrat bhala Unknown Father, iben T C u taqbel li r-relazzjoni tal-klijenta tieghi u l-missier thassret u tant hu hekk li ilu ma imantni lil ibnu mit-twelid.

4. Illi la darba jkun konfermat li X F huwa l-missier bijologiku, huwa ghandu jkun registrat fid-dokumenti tar-Registru Pubbliku sabiex il-minuri P C jigi rregistrat P F C, b'dan li ma jibqax registrat bhala Unknown Father.

5. Illi l-esponenti titlob li l-isem komplut ghandu jkun P F C u dan ghall-fatt li l-minuri gia hu mdorri juza l-kunjom C.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabli Qorti sabiex joghgobha tilqa' it-talbiet ta' l-attur kollha ghajr ghar-raba' talba fejn il-konvenut Direttur tar-Registru Publiku ghandu jemenda l-att tat-twelid tal-minun P C billi jigi imnizzel isem il-missier bhala X F pero` li l-isem tal-minuri jinbidel ghal P F C.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi preliminarjament ukoll huwa indispensabbli ghall-integrita' tal-gudizzju li jigi imsejjah fil-kawza l-minuri P C u li ghandu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament ukoll din l-azzjoni tidher li hija intempestiva, u dan ghaliex ma kinitx procedura minn ittra ufficjali kif hekk jirrikjedi l-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba ta' l-attur l-esponenti jistieden lir-rikorrent X F sabiexpermezz ta'nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita`, (3) l-eta` tieghu meta twieled il-minuri P, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel P. Tali informazPi hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-twelid tal-imsemmi P bin-numru ta' registrazzjoni 3615 tas-sena 2010;

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri P a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qeghed jigi ingunt in subizzjoni.

Semghat it-testimonjanza tal-attur X F fl-udjenza tat-23 ta’ Novembru 2016.

Rat il-verbal tal-istess udjenza fejn l-attur u l-konvenuta C iddikjaraw li hemm qbil bejniethom li l-minuri ghandu jiehu l-kunjom “F C”.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Marzu 2017 li permezz tieghu kjamat in kawza lill-minuri P C u hatret lill-konvenuta C bhala kuratrici ad litem tal-minuri.

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta’ Marzu 2017 id-Direttur konvenut irtira it-tieni eccezzjoni tieghu.

Rat illi fit-13 ta’ Marzu 2017 Dr Marisa Cassaripprezentat u halfet ir-rapport tad-DNA minnha redatt fejn iccertifikat illi l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri P C.

Rat il l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Permezz tal-ewwel talba attrici l-attur qed jitlob li l-Qorti tordna li l-konvenuta T C u l-minuri jersqu ghat-test tad-DNA.

**Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** jipprovdi illi:-

*“F’kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-Qorti tista’, mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.”*

Jirrizulta pero’ illi fil-mori tal-kawa l-attur, il-konvenuta T C u l-minuri resqu minghajr htiega ta’ ordni tal-Qorti ghat-test tad-DNA. Ghalhekk il-mertu tal-ewwel talba attrici llum jinsab ezawrit.

Dwar it-talba ghal dikjarazzjoni ta' filjazzjoni favur l-attur, l-azzjoni giet esperita ai termini tal-**Artikolu 86 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

*"86. It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it-tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta' tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b'ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollui nteress jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi."*

L-attur istitwixxa l-kawza odjerna bis-sahha tal-artikolu appena citat.

Ir-rapport tad-DNA redatt minn Dr Marisa Cassar ma jhalli l-ebda dubju illi l-attur huwa effettivament il-missier bijologiku tal-minuri. Il-Qorti ghalhekk ser tordna li isem l-attur jigi inserit bhala missier il-minuri fl-att tat-twelid tal-minuri.

Il-Qorti tirrileva b'approvazzjoni illi fil-mori tal-kawza il-partijiet lahqu ftehim illi l-minuri ghandu jiehu l-kunjom "F C".(ara verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2016).

**Artikolu 92 sub-inciz 1 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"Tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ, jekk ikun ġie magħruf b'ibnu mill-missier, jieħu l-kunjom tal-missier, li miegħu jista' jżid kunjom l-omm, diversament, jiehu kunjom l-omm."

**Sub-inciz 6** tal-istess artikolu jipprovdi illi:-

"(6) Id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jew ta' kull artikolu ieħor fil-Kodiċi, meta l-paternità ta' persuna tkun ġiet magħrufa jew il-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, jew tkun saret tapplika l-preżunzjoni msemmija fl-artikoli 101 sa 112, kull min b'konsegwenza ta' dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-Att ta' twelid rilevanti ta' min ikun ġie hekk magħruf jew li tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu jew li dwaru għandha tapplika dik il-preżunzjoni."

Bis-sahha tal-artikoli tal-ligi appena citati l-Qorti qed tordna illi l-minuri ghandu jiehu l-kunjom "F C".

Dwar il-kap tal-ispejjez il-Qorti hi tal-fehma illi gialadarba kien l-attur li ried li jsir it-test tad-DNA qabel jirrikonoxxi lill-minuri, huwa ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji ta' din il-kawza.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti bil-mod kif hawn deciz:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attrici in kwantu l-mertu jinsab ezawrit.

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attrici u tiddikjara illi l-minuri P C huwa l-wild naturali tal-attur X F.

3. Tilqa' r-raba' talba attrici b'dan illi mill-att tat-twelid tal-minuri ghandhom jigu kancellati l-kliem 'unknown father' u minflok jigu inseriti isem u kunjom l-attur u l-konnotati tieghu kif jirrizultaw mit-testimonjanza tal-attur moghtija fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2016.

4. Tordna li l-minuri ghandu jkun maghruf bil-kunjom “F C”.

Bl-ispejjez a karigu tal-attur X F.

**Imhallef** **Deputat Registratur**